

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Ġermanja) fid-19 ta' Awwissu 2014 – Vodafone GmbH vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja**

(Kawża C-395/14)

(2014/C 372/15)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### **Qorti tar-rinviju**

Bundesverwaltungsgericht

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Vodafone GmbH

Konvenuta: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

### **Domanda preliminari**

L-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar kwadru [qafas] regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi (Direttiva Kwadru [Qafas])<sup>(1)</sup> għandu jiġi interpretat fis-sens li, jekk awtorità regolatorja nazzjonali obbligat lil operatur, li jkollu saħħa sinjifikattiva fis-suq, jipprovdni servizzi ta' terminazzjoni ta' telefonata mobbli u ssuġġettat għal awtorizzazzjoni t-tariffi għal dawn is-servizzi skont il-proċedura prevista mid-dispożizzjoni ċċitata hawn fuq tad-Direttiva, hija fl-obbligu li ssegwi mil-ġdid il-proċedura msemmija ġ̠il-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2002/21 qabel kull awtorizzazzjoni ta' tariffi li tintalab konkretament?

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolo 13, Vol. 29, p. 349.